A.L. 146 ta' l-2007

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (*Landfill*)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 9 u 10(2) ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (*Landfill*), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (*Landfill*), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 168 ta' l-2002.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-kliem "Skart ta' l-isptar u skart kliniku ieħor li joħroġ minn stabbilimenti mediċi u veterinarji, li huwa infettiv kif definit mill-proprjetà H9 ta' l-Iskeda 2 tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (Permess u Kontroll)" fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu l-kliem "u skart li jaqa' fil-kategorija 14 ta' l- Anness I.A tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE[1] tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 94/31/KE[2] tas-27 ta' Ġunju 1994".

A.L. 337 ta' l-2001.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-kliem "Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (Permess u Kontroll)" fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart (Permess u Kontroll) u r-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis".

A.L. 234 ta' l-2002.

[1] OJ L 377, 31.12.1991, p. 20.
[2] OJ L 168, 02.07.1994, p. 28.